# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d

## Seduta ta' nhar il-Hamis 26 ta' Mejju, 2016

**Talba Nru: 850/15 DMA**

**GO plc**
**C 22334**

**Vs**

**Open Networks Limited**
**C 44380**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-27 ta' Ottubru, 2015 fejn is-socjeta' konvenuta ghandha taghti lis-Socjeta' attrici s-somma ta' elfejn sitt mija u tmienja u tletin Ewro u sitta u hamsin centezmu (€2,638.56) in konnessjoni ma' servizzi ta' internet fuq 21257190, liema servizzi huma migbura fil-kont tal-klijent bir-referenza 0121252.

Illi nterpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghal hlas, is-socjeta' konvenuta baqghet inadempjanti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra s-socjeta' konvenuta, bl-ingunzjoni tas-socjeta' konvenuta in subizzjoni.

Bl-ispejjez u drittijiet, u bl-imghaxijiet legali sa mid-data tal-prezentata ta' din il-kawza.

Is-socjeta' konvenuta debitament notifikata baqghat ma dehritx u lanqas ipprezentat risposta ghat-talba mitluba kontriha.

Dehret Charmaine Wiffer ghas-socjeta' attrici li fis-26 ta' Mejju, 2016 ikkonfermat bil-gurament taghha li l-ammont ghadu dovut.

It-Tribunal huwa sodisfatt illi l-ammont mitlub huwa dovut. Ghalhekk jilqa' it-talbiet attrici u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas l-ammont elfejn sitt mija u tmienja u tletin Ewro u sitta u hamsin centezmu (€2,638.56)  bl-imghax mid-data tal-prezentata sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez tal-kawza jkunu a karigu tas-socjeta' konvenuta.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Gudikatur**